

32006D0929

L 354/58

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.12.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Diċembru 2006

dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fil-Bulgarija sabiex tindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6570)

(2006/929/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 u 38 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoniġiet sottomessi mill-Istati Membri,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq l-istat ta' dritt, prinċipju komuni għall-Istati Membri kollha.
- (2) Il-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u s-suq intern, maħluq mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, huma bbażati fuq il-fiduċja reċiproka li d-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-prattiċi ta' l-Istati Membri kollha jirrispettaw b'mod sħiħ l-istat ta' dritt.
- (3) Dan jimplika għall-Istati Membri kollha l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja u amministrattiva imparzjali, indipendenti u effettiva mġhamra b'mod xieraq, *inter alia*, sabiex tiġġielel il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.
- (4) Fl-1 ta' Jannar 2007, il-Bulgarija se ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni, filwaqt li tinnota l-isforzi konsiderevoli sabiex jitlestu l-preparazzjonijiet tal-Bulgarija għas-

sħubija, identifikat kwistjonijiet pendenti fir-Rapport tagħha tas-26 ta' Settembru 2006, b'mod partikolari l-kontabilità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-entitajiet ta' l-infurzar tal-liġi, fejn hemm bżonn ta' aktar progress sabiex tiġi assicurata l-kapaċità tagħhom sabiex jimplimentaw u japplikaw il-miżuri adottati sabiex jiġi mwaqqaf is-suq intern u l-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

- (5) L-Artikolu 37 ta' l-Att ta' Adeżjoni jagħti setgħa lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri xierqa f'każ ta' riskju imminenti li l-Bulgarija tikkawża ksur fil-funzjoni tas-suq intern minħabba nuqqas ta' implimentazzjoni ta' l-impenji li ntrabtet bihom. L-Artikolu 38 ta' l-Att ta' Adeżjoni jagħti setgħa lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri xierqa f'każ imminenti ta' nuqqasijiet serji fil-Bulgarija fit-traspożizzjoni, l-istat ta' implimentazzjoni, jew l-applikazzjoni ta' l-atti adottati taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE u ta' l-atti adottati taħt it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE.
- (6) Il-kwistjonijiet li għad fadal fil-kontabilità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-entitajiet ta' l-infurzar jiġġustifikaw it-twaqqif ta' mekkaniżmu għal kooperazzjoni u verifika tal-progress tal-Bulgarija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata.
- (7) Jekk il-Bulgarija tonqos milli tindirizza l-punti ta' riferiment b'mod adegwat, il-Kummissjoni tista' tapplika miżuri ta' salvagwardja bbażati fuq l-Artikoli 37 u 38 ta' l-Att ta' Adeżjoni, kif ukoll is-sospensjoni ta' l-obligazzjoni ta' l-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu u jwettqu, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi tal-Komunità, is-sentenzi Bulgari u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji, bħal mandati ta' arrest Ewropej.
- (8) Din id-Deċiżjoni ma teskludix l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja f'kull ħin fuq il-bażi ta' l-Artikoli 36 u 38 ta' l-Att ta' Adeżjoni, jekk il-kondizzjonijiet ta' dawn il-miżuri jiġu mwettqa.
- (9) Id-Deċiżjoni preżenti għandha tiġi emendata jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun tindika bżonn ta' aġġustament fil-punti ta' riferiment. Id-Deċiżjoni preżenti għandha titħassar meta l-punti ta' riferiment kollha jiġu mwettqa b'mod sodisfaċenti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Bulgarija għandha, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, u għall-ewwel darba sal-31 ta' Marzu 2007, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-progress magħmul fl-indirizzar tal-punti ta' riferiment kollha pprovduti fl-Anness.

Il-Kummissjoni tistà, f'kull ħin, tipprovdi assistenza teknika permezz ta' attivitajiet differenti jew tiġbor u tpartat informazzjoni dwar il-punti ta' riferiment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistà, f'kull ħin, torganizza missjonijiet ta' l-esperti lejn il-Bulgarija għal dan l-iskop. L-awtoritajiet Bulgari għandhom jagħtu l-appoġġ neċessarju f'dan il-kuntest.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni se tikkomunika lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill il-kummenti u r-riżultati tagħha dwar ir-rapport tal-Bulgaria għall-ewwel darba f'Ġunju 2007.

Il-Kummissjoni se terġa tirrapporta minn hemm 'il quddiem kif u meta jkun meħtieġ u mill-inqas kull sitt xhur.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ soġġetta biss għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Olli REHN

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Punti ta' riferiment li għandhom jiġu indirizzati mill-Bulgarija, imsemmija f'Artikolu 1:

- (1) Tadotta emendi kostituzzjonali sabiex titneħħa kwalunkwe ambigwità rigward l-indipendenza u l-kontabilità tas-sistema ġudizzjarja.
 - (2) *Tassigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti* billi jiġi adottat u implimentat att ġdid dwar is-sistema ġudizzjarja u l-kodiċi ġdid dwar il-proċedura ċivili. Tirraporta dwar l-impatt ta' dawn il-liġijiet ġodda u tal-kodiċi tal-proċedura penali u amministrattiva, b'mod partikolari dwar l-istadju ta' qabel is-smigħ.
 - (3) Tkompli r-riforma tal-ġudikatura sabiex jiġu mtejbja l-professjonaliżmu, il-kontabilità u l-effiċjenza. Tivvaluta l-impatt ta' din ir-riforma u tippubblika r-riżultati kull sena.
 - (4) Tagħmel u tirraporta investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġġjani ta' allegazzjonijiet dwar korruzzjoni ta' livell għoli. Tirraporta dwar l-ispezzjonijiet interni ta' l-istituzzjonijiet pubbliċi u dwar il-pubblikazzjoni ta' l-attiv ta' l-uffiċjali għolja.
 - (5) Tieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fuq il-fruntieri u fi ħdan il-gvern lokali.
 - (6) Timplimenta strateġija sabiex tiġġieled l-kriminalità organizzata, b'enfażi fuq il-kriminalità serja, il-ħasil tal-flus u kif ukoll il-konfiska sistematika ta' l-assi tal-kriminali. Tirraporta dwar l-investigazzjonijiet, l-akkużi u l-kundanni ġodda u pendenti f'dawn l-oqsma.
-